MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-15 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 556/2002/1

**Citaz Nru: 556/02 JA**

**Avukat Dottor Luigi A. Sansone LL.B., LL.D., bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Diesel S.p.A., ta' via de'' Industria 7, Molvena (VI), l-Italja.**

**-vs-**

**Clyde Cauchi.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-15 ta' Mejju, 2002 li bih l- attur nomine ppremetta:

Illi l-attur nomine, detentur ta’ prokura *ad litem* mahruga mis-socjeta’ attrici, jirrapresenta s-socjeta’ estera “Diesel S.p.A.”, proprjetarja ta’ l-prodotti bit-*trademark* “DIESEL”, maghrufin madwar id-dinja inkluz f’ Malta fil-kamp ta’ l-moda;

Illi fil-fatt, il-prodotti bit-*trademark* “DIESEL” ilhom jigu distribwiti f’ Malta ghal diversi snin, u noltre hemm registrati hafna *trademarks* f’ Malta f’ isem is-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ diversi prodotti;

Illi in partikolari, is-socjeta’ attrici ghandha registrata f’ Malta b’ effett mill-ghaxra (10) ta’ Gunju 1991 (a) it-*trademark* “DIESEL”, bin-numru ta’ registrazzjoni 20635, ghas-segwenti prodotti u cioe’ *clothing, footwear, headgear,* (b) *trademark* konsistenti f’ tikketta li tinkorpora ras ta’ Indjan Mohikan, bil-kliem “DIESEL-ONLY-THE-BRAVE-DIESEL” (numru ta’ registrazzjoni 20637), u dan ukoll in konnessjoni ma’ prodotti ta’ *clothing, footwear, headgear*;

Illi ghadaqstant bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b’ hafna sagrificcju finanzjarju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta’ attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni ma’ l-prodotti “DIESEL”;

Illi fit-tmienja (8) ta’ Frar 2002 is-socjeta’ attrici giet a konoxenza ta’ l-fatt li waqt l-iskrutinji tahat xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artikolu erbgha (4) ta’ l-Att ta’ l-2000 dwar Drittijiet dwar Proprjeta’ Intellettwali (Mizuri Intrakonfini)[Kapitolu erbgha mija u erbatax (414) ta’ l-Edizzjoni Riveduta ta’ l-Ligijiet ta’ Malta] il-Kontrollur tad-Dwana kien issosspenda r-rilaxx ta’ oggetti konsistenti f’ hames mija u sebgha (507) “T-Shirts” li jinkorporaw sinjal “DIESEL”, kif ukoll tikketta fin-naha ta’ gewwa ta’ l-ghonq ta’ l-istess “T-Shrts” konsistenti f’ ras ta’ Indjan Mohikan, bil-kliem “DIESEL-ONLY-THE-BRAVE-DIESEL”, liema oggetti waslu

fid-Dwana ghar-rilaxx favur il-konvenut u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur tad-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;

Illi wara li ghamlet il-verifiki preliminary taghha, fit-tlettax (13) ta' Frar 2002 is-socjeta' attrici prezentat applikazzjoni ta' azzjoni skond l-artikolu hamsa (5) ta' l-istess At;

Illi noltre, fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Frar, 2002 l-istess socjeta' attrici bdiet procedimenti fil-qorti civili permezz ta' rikors ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, liema rikors **(sic)** gies debitament akkordat mill-Qorti permezz a' digriet mahrug fis-sebgha (7) ta' Mejju, 2002 u mharraf lill-attur nomine fl-ghaxra (10) ta' Mejju, 2002, numru ta' referenza 569/02;

Illi s-socjeta' attrici ghandha kull interess li tppromwovi din l-azzjoni gudizzjarja ghaliex altrimenti l-uzu illecitu ta' s-sinjal "DIESEL" u ta' sinjali ohra relatati da parti ta' l-konvenut ikollu l-effett li jitiehed vantagg illecitu fuq – u jkun derimentali ghax-xorta distintiva u ghar-reputazzjoni ta' – it-*trademarks* ta' s-socjeta' attrici;

Illi l-azzjonijiet ta' l-konvenut jiksru d-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu ghaxra (10) *et seq*. ta' l-Att ta' l-2000 li jirregola t-*Trademarks* [Kapitolu erbgha mija u sittax (416) ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta] u huma azzjonabbli skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu erbata (14) *et seq.* ta' l-istess Att;

Illi inoltri, stante li f' dawn il-proceduri si tratta ta' procedimenti ta' infurzar ta' l-jeddijiet ta' s-socjeta' attrici ghar-rigward ta' t-*trademarks* taghha, japplikaw ukoll ghall-fatti ta' dan il-kaz id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-artikolu tmienja (8) ta' l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi;

Ghalhekk jitlob lill-din l-Onorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. tiddikjara li l-oggetti konistenti f' hames mija u sebgha (507) ) "T-Shirts" li jinkorporaw sinjal "DIESEL", kif ukoll tikketta fin-naha ta' gewwa ta' l-ghonq ta' l-istess "T-Shrts" konsistenti f' ras ta' Indjan Mohikan, bil-kliem "DIESEL-ONLY-THE-BRAVE-DIESEL" u li jinsabu prezentement tahat l-awtorita' tal-Kontrollur tad-Dwana, jikkontravvjenu d-drittijiet ta' s-socjeta' rappresentata mill-attur nominee fir-riward ta' t-*trademarks* taghha;

2. tordna lill-kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti 'l hinn mill-kanali tal-kummerc b' dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta' attrici, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f' kull kaz minghajr ebda kumpens lill-, u ghas-spejjez tal-konvenut;

3. tiehu, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenut mill-beneficcji ekonomici tat-transazzjoni;

4. tikkonferma permanentement il-provvedimenti moghtija fil-mandat ta' inibizzjoni numru ta' referenza 569/02 mahrug fis-sebgha (7) ta' Mejju, 2002 fil-konfornt ta' l-konvenut.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-mandat ta' inibizzjoni numru ta' referenza 569/02, kontra l-konvenut, li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni mhalufa mill-attur nominee fil-1 ta' Mejju, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci.

Semghet ix-xhieda ta' l-attur nominee.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

**Fil-kontumacja tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha ta' l-attur nominee kif dedotti fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenut u ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi termini ta' xahar millum.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------